**25 ta' Mejju, 1965**

**Imħallef:**

**l-Onor. Dr. Edoardo Magri, LL.D.**

Consiglia mart l-imsiefer Giuseppe Baldacchino, pro et noe.

*versus*

Av. Dr. Albert Grech, et noe.

**Alimenti arretrati.**

*Biex alimenti arretrati dovuti 'officio Judicis' jistgħu jiġu mitluba, huwa meħtieġ li l-attriċi tipprova li tkun għamlet li setgħet biex tithallas jew li kkuntrattat debiti biex tmantni lilha u lil uliedha.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi proprio et nomine, premessi d-dikjarazzjonijiet kollha meħtieġa, u mogħtija l-provvedimenti kollha xierqa — premess illi b'sentenza ta' dina l-Qorti tal-21 ta' Marzu 1952, ġie mogħti Ordni ta' Manteniment li bih l-imsemmi Giuseppe Baldacchino, ġie kkundannat iħallas, bħala manteniment £1. 10. 0 fil-ġimgħa lill-attriċi u għaxar xelini (10s) lil kull waħda lil Dolores u Carmela, aħwa Baldacchino, u permess illi mis-sentenza imsemmija għaddew aktar minn tliet snin u premess illi l-imsemmi żewġha baqa' morus fl-imsemmi alimenti jew manteniment lejha u lejn l-imsemmija uliedha minuri fis-somma ta' £331. 12. 3, talbet illi tiġi awtorizzat tesegwixxi s-sentenza imsemmija tal-21 ta' Marzu, 1952, fis-somma ta' £331. 12. 3

għall-alimenti arretrati; bl-ispejjeż u bl-imgħax kontra l-konvenuti nomine.

OMISSIS:

Ikkunsidrat:—

Li l-attriċi fil-21 ta' Marzu, 1952, kienet otteniet minn dina l-Qorti Ordni ta' Manteniment li bih l-imsemmi Giuseppe Baldacchino kien ġie kundannat iħallas, bħala manteniment lira u nofs (£1. 10s. 0d) fil-ġimgħa lill-attriċi, u nofs lira (10s) kull waħda lit-tfal minuri Dolores u Carmela aħwa Baldacchino.

Li l-konvenut minn dik is-sentenza 'l hawn mhux dejjem ħallas regolarment il-manteniment lill-attriċi skond l-imsemmi Ordni, skond kif jidher mill-prospett esibit a fols. 34 u 25 tal-proċess, u għalhekk baqa' lura fis-somma komplessiva ta' £331. 12. 3, import ta' diversi skadenzi ta' alimenti dovuti lill-attriċi u liż-żewġ uliedha fuq riferiti għall-perijodu indikat fl-imsemmi prospett.

Ikkunsidrat:—

Li biex l-alimenti arretrati dovuti "officio Judicis", jistgħu jiġu mitluba huwa meħtieġ:—

1) li l-attriċi tipprova li tkun għamlet li setgħet biex titħallas (Kollez. XXXII, ii, 101), jew

2) li kkuntrattat debiti biex tmantni lilha u lil uliedha (Kollez. XXXII, ii, 328, App. Ċiv. "Said utrinque" tal-20 ta' Frar, 1920; P.A. "Cumbo utrinque" tad-29 ta' Mejju, 1933).

Li rigward l-ewwel rekwiżit irriżulta li l-attriċi, billi

żewġha kien imsiefer, l-aktar li setgħet tagħmel meta ma jibgħatiliex flus, li tmur għand l-Uffiċjal tal-Qorti, u tinsisti miegħu biex jinvestiga għaliex l-konvenut kien qiegħed jibqa' morus fil-ħlas tal-alimenti. L-attriċi ma setgħetx tesegwixxi Malta l-imsemmi Ordni għaliex il-proprietà posseduta minn żewġha hija provenjenti mill-wirt li għadu indiviż, u f'kwalunkwe każ il-kwota ta' kompartiċipazzjoni tal-konvenut f'dan il-wirt hija ta' wieħed minn ħamsa u tletin (1/35), li b'kollox tirrendilu £1. 1. 4 fis-sena (fol. 10), u għalhekk anki kieku l-attriċi għamlet xi passi biex titħallas minn dan il-wirt, il-kreditu tagħha kien jibqa' insoddisfatt f'ammont rilevanti.

Li dwar it-tieni rekwiżit, huwa prinċipju fondamentali f'materja ta' alimenti stabilit b'sentenza tal-Qorti, li "nemo vivit in praeteritu", għaliex dawna l-alimenti bħal dawna dovuti. "pietatis causa" huma intisi biex jissodisfaw bżonn attwali, għalhekk jekk jirriżulta li l-alimentant ma jkunx ikkuntratta dejn biex jitmantna, tonqos ir-raġuni tal-obbligu tal-ħlas tal-alimenti arretrati, speċjalment meta dana l-bżonn ikun ġià soddisfatt "alunde". Dana l-konċett ġie inserit fil-ġurisprudenza tagħna, min fuq it-tagħlim tal-ġuristi antiki, li kienu jirritjenu "Quando alimenta debentur solum officio judicis tunc praeteriti temporis ratio non habetur, et qui habuit alimenta vel ex qua sua industria vel ex erogatione aliorum petere ea non potest" (Lurdus: De alimentis, lib, 5. quaest. 1, No. 43).

Li mix-xhieda tal-attriċi, f'ebda mod kontestata, ġie pruvat li l-attriċi, kull darba li żewġha ma kienx jibgħatilha flus, kienet tiddejjen, u naturalment kienet tħallas meta tirċievi xi ammont ta' flus, minn darba għall-oħra kif jidher mill-imsemmi prospett.

Li l-Qorti m'għandiex motiv taħseb li l-asserzjoni tal-attriċi hija inveridika, għaliex ġeneralment, fil-pratika, jiġri li nisa li jkunu separati minn żwieġhom jottienu kreditu għall-

ġeneri alimentarji u ħwejjeġ oħra ta' prima neċessità, billi trattandosi ta' djun żgħar u rikorrenti, dawn jistgħu jiġu mħallsa gradatament u anki f'daqqa meta d-debitriċi tirċievi l-flus mingħand żewġha. Illum, aktar minn qabel, dana qiegħed jiġri mħabba s-safar tal-miżżewġin, speċi irġiel li qiegħed jintensifika ruħu għal raġunijiet ekonomiċi u ta' xogħol u anki għaliex żdiedu l-faċilitajiet tal-kommunikazzjonijiet u ta' trasport.

Ikkunsidrat:—

Li dwar l-ammont tal-arretrati mitlub mill-attriċi ma ġiet imqanqla ebda obbjezzjoni, u rriżulta wkoll mis-sentenza li ipproferiet l-imsemmi Ordni ta' Manteniment għaddew aktar minn tliet snin, minn mindu setgħet tiġi esegwita almenu għall-parti mill-imsemmija arretrati.

Għal dawn il-motivi:

Tiddeċiedi billi tilqa' t-talba tal-attriċi proprio et nomine, bl-ispejjeż kontra l-konvenut.